MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 114/2002/1

**Registratur tal-Qrati.**

**-vs-**

**Rudolph Gaerty.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-31 ta' Jannar, 2002 li permezz taghha l-attur ippremetta:

1. Illi Paul Caruana pprezenta rikors fil-25 ta' Ottubru, 2001 (dok. "A") li bih huwa ppremetta, *inter alia*, illi:

1.1. fis-7 ta' Mejju, 1999, din il-Qorti kienet laqghet it-talba tieghu ghall-hrug ta' mandat ta' qbid numru

2308/99 fl-ismijiet <u>Paul Caruana vs Rudolph Gaerty</u> (dok. “X”);

1.2. fit-23 ta’ Awissu, 2001, il-Qorti kienet awtorizzat l-elevazzjoni ta’ l-oggetti maqbuda mill-pussess ta’ l-intimat Paul Gaerty;

1.3. meta fil-15 ta’ Ottubru, 2001, il-marixxall ezekutant mar fl-indirizz moghti, cioe’ “Moonlight Hall”, Triq l-Insolja, Burmarrad, l-intimat ostakulah fil-qadi tad-doveri tieghu u l-mandat imsemmi ma setax jigi ezekwit.

1.4. dan l-ostakolu jammonta ghal oppozizzjoni ghall-ezekuzzjoni tal-mandat in kwistjoni u huwa ksur tal-ligi, specifikament l-artikolu 279 tal-Kap. 12, u kien qed jikkaguna pregudizzju serju lir-rikorrenti;

1.5. ghalhekk ir-rikorrenti talab li din il-Qorti tordna lir-Registratur tal-Qrati jibda l-proceduri kontra l-intimat ghal disprezz lejn l-awtorita’ tal-Qorti skond l-artikoli 997 u 1003A tal-Kap. 12.

2. Illi din il-Qorti, wara li rat id-digriet taghha tas-26 ta’ Ottubru, 2001 (dok. “B”), ir-risposta ta’ Rudolphe Gaerty tat-2 ta’ Novembru, 2001 (dok. “C”), id-digriet taghha tas-6 ta’ Novembru, 2001 (dok. “D”) u r-replika tar-rikorrenti tat-13 ta’ Novembru, 2001 (dok. “E”), b’digriet tal-15 ta’ Novembru, 2001, (dok. “F”), laqghet it-talba tar-rikorrenti biex jinbdew proceduri ghal disprezz lejn l-awtorita’ taghha.

3. Ghalhekk l-attur qieghed jaghmel din il-kawza.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

(i) Tiddikjara illi l-agir tal-konvenut, kif fuq premess, jammonta ghal oppozizzjoni ghall-ezekuzzjoni tal-mandat *de quo* skond l-artikolu 279 tal-kapitoli 12 tal-ligijiet ta’ Malta;

(ii) issibu hati ta' disprezz lejn l-awtorita' taghha skond il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Tielet Ktieb, Titolu XVLI;

(iii) tikkundannah konsegwentement ghall-pieni hemm indikati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa minn Charles A. Micallef, I.D. 283546(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijietipprezentata fit-8 ta' April, 2002 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-kontestazzjoni tal-esponenti Rudolphe Gaerty ghall-allegazzjonijiet u/jew pretensjonijiet issolevati da parti tar-rikorrenti Paul Caruana fil-konfront tieghu, liema allegazzjomjiet u/jew pretensjonijiet kienu, ghadhom u jibqghu ikkontestati bhala bla bazi u inveritieri, a terminu ta' l-artiklu 291 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili huwa d-dritt tal-persuna li kontriha inhareg il-mandat li jappunta kunsinnatarju ta' l-ghazla tieghu; liema dritt gie michud lill-esponenti Rudolphe Gaerty, u oltre 1-fatt, li fil-mandat odjern huwa r-rikorrenti Paul Caruana li talab lil din 1-Onorabbli Qorti li tordna li jkun mahtur Kenneth Azzopardi bhala l-kunsinnatarju, kuntrarjament ghal dak kontemplat fl-artiklu fuq citat;

2. Illi inoltre, f'dan il-kuntest preliminaijament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, issir riferenza ghar-rikors tal-intimat Rudolphe Gaerty datat 20 ta' Settembru 2000, riprodott fil-process odjern a fol. 35, fejn kuntrarjament ghal dak dikjarat mir-rikorrent Paul Caruana, Rudolphe Gaerty indika lil Teresino Sammut bhala kunsinnatarju u

ghaldaqstant il-kontinwazzjoni ta’ tali proceduri u 1-konsegwenza talba ta’ Paul Caruana ghall-bidla tal-kunsinnatarju hija kompletament bla ebda bazi legali u procedurali;

3. Illi fit-tieni lok, jirrizulta li Paul Caruana intavola rikors fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili minghajr ma gie debitament innotifikat 1-intimat esponenti sabiex iwiegeb ghall-istess, kif fil-fatt jigri normalment, kif inhu indikat mill-ligi f’artikolu 174 (2) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, u ghal dawn ir-ragunijiet, ir-rikors *de quo* huwa irritwali u null *ab initio;*

4. Illi nonostante in-nuqqas procedurali fuq citati da parti tar-rikorrenti Paul Caruana, xorta wahda wassal sabiex il-Qorti takkorda t-talbiet tar-rikorrenti Paul Caruana, minghajr ma’ l-intimat esponenti nghata d-dritt li jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu fi-istadju procedurali opportun;

5. Illi fit-tielet lok, ir-rikorrenti Paul Caruana injora u qieghed jinjora fatti li huma ben a konoxxenza tieghu tant illi 1-istess mobbli indikati fil-mandat odjem limitatament ghall-indirizz fuq indikat gew maqbuda b’mandat ta’ qbid kawtelatorju iehor, numru 477/01, nhar is-27 ta’ Frar 2001, fuq talba ta’ 1-istess Paul Caruana b’ezekuzzjoni fuq is-socjeta Global Executive Search (Malta) Limited fl-atti tac-citazzjoni 354/01Y1 (JRM) fl-ismijiet “Caruana Paul vs. Global Executive Search (Malta) Limited, Rudolphe Gaerty, Ronald Gaerty, u Ondine Gaerty”, a Fol. 16, 17, 18, u 19 tal-process odjern;

6. Illi ghaldaqstant, ukoll f’dan il-kuntest, ir-rikorrenti Paul Caruana gharaf u ezercita pretensjonijiet fuq 1-imsemmija mobbli fil-konfront ta’ 1-imsemmija socjeta’, liema agir jindika bl-aktar mod car li Paul Caruana irrikonoxxa illi Rudolphe Gaerty qatt ma kien it-titulari u/jew is-sid ta’ l-imsemmija propjeta’ mobbli, u ghal din ir-raguni, il-Mandat odjern huwa wkoll irritwali u null *ab initio;*

7. Illi fir-raba' lok, jidher illi r-rikorrenti Paul Caruana naqas milli jinforma lil din 1-Onorabbli Qorti, ossia b'intenzjoni esplicita iddecieda li ma jinformahiex, bi skop specifiku u qarrieqi biex din 1-Onorabbli Qorti tkun zvijata milli tasal ghal gudizzju ekwu, billi ma ghamel 1-ebda referenza ghal numri sostanzjali ta' mandati ta' qbid, kif ukoll sekwestru kawtelatorji (indikati fi skeda hawn annessa u mmarkati bhala RG1), konnessi ma' 1-istess mertu illi 1-istess Paul Caruana intavola sistematikament u ripetutament kontra Rudolphe Gaerty, fosthom mandati numru 748/98, 751/98, u 854/98 liema mandati gew revokati *contrario imperio* minn din 1-Onorabbli Qorti kif prezentement ippreseduta, liema agir da parti ta' Paul Caruana ma jistax jonqos milli jitqies bhala sfruttar, ossia attentat t'abbuz u manipulazzjoni da parti tieghu mis-sistema procedurali applikata fil-Qrati ta' Malta;

8. Illi inoltre, fil-hames lok, in vista tal-artikolu 303 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, *"jekk il-marixxall, meta jigi biex jaghmel esekuzzjoni ta' mandat ta' qbid, isib li ga kien gie esegwit mandat iehor,* ... *hu ma jergax jaqbad il-hwejjeg ga maqbuda, izda jaghmel rikonjizzjoni tal-hwejjeg li jkunu gew hekk maqbuda* ..." mentri fil-fatt, fil-15 ta' Ottubru 2001, il-marixxal inkarigat mar appuntu sabiex jeleva l-mobbilja li hija propjeta' tas-socjeta' Global Executive Search (Malta) Limited, u li kontra 1-istess mobilja diga nhareg *"mandat iehor"* mill-istess Paul Caruana konness ma' l-istess mertu;

9. Illi fis-sitt lok, nonostante li din 1-Onorabbli Qorti diversament preseduta biex tiddecidi kawza li 1-istess Paul Caruana intavola kontra Rudolphe Gaerty ordnat li Paul Caruana jintavola 1-provi kollha tieghu u dan fuq medda ta' tlett snin, sal-lum, 1-istess Paul Caruana naqas milli jressaq prova dwar l-allegazzjonijiet u/jew il-pretenzjonijiet tieghu;

10. Illi inoltre, ukoll fi-istess kuntest u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat illi il-mandat odjern inhareg a bazi ta' ittra ufficjali li fiha r-irikorrent Paul Caruana ippremetta illi huwa ma kellux provi oltre il-fatt illi

Rudolphe Gaerty inghata perjodu limitata u ingust ta’ wiehed u ghoxrin (21) siegha sabiex jipproduci d-dokumenti kollha necessarji, liema dokumenti gew prodotti u qeghdin a konjizzjoni tal-Qrati *sub judice;*

11. Illi fis-seba’ lok, 1-esponenti Rudolphe Gaerty jixtieq jispjega illi din 1-Onorabbli Qorti diversament preseduta ghandha mertu quddiemha *sub judice,* liema mertu huwa konness mal-mertu ta’ dan il-mandat u li ghalhekk 1-intenzjoni tar-rikorrenti Paul Caruana ma tistax titqies xejn inqas minn vessatorja meta 1-istess Paul Caruana kien konsapevoli ta’ tali proceduri *sub judice;*

12. Illi fit-tmien u l-ahhar lok, l-esponenti Rudolphe Gaerty fil-kariga tieghu ta’ manager impjegat mas-socjeta Global Executive Search (Malta) Limited hass il-bzonn kontra x-xewqa tieghu, u fuq ordni tad-direttur tieghu li jostakola l-ezekuzzjoni tal-qbid mill-marixxal tal-Qorti, u dan sabiex jigu issalvagwardjati l-impiegi ta’ tmintax-il haddiem impjegati mas-socjeta Global Executive Search (Malta) Limited, li huma dipendenti fuq il-mobilja (*tools of trade*) suggetta ghall-mandat odjern u li minn hemm jaqalghu l-ghixien taghhom, oltre l-fatt li l-mobilja kollha li apparentement kellhom jigu elevati mill-imsemmi indirizz jappartjenu *in toto* lis-socjeta Global Executive Search (Malta) Limited, liema fatt jista’ jigi facilment ikkonfermat minn diversi ircevuti u minn dikjarazzjoni tal-accountant ta’ l-istess socjeta’, li koppja taghha giet annessa fil-process odjern a fol. 14 u 15;

13. Illi f’dan il-kuntest il-proceduri li ghalihom qed jirrikorri Paul Caruana huma bhal proceduri antecedenti, malizjuzi, frivoli u vessatorji fil-konfront ta’ Rudolphe Gaerty u dan ai termini tal-artikolu 836 (8) (d) tal-Kapitolu 12;

14. Saliv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Gunju, 2005 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ghal disprezz lejn l-awtorita’ taghha wara li allegatament ostakola l-Marixxal tal-Qorti fl-esekuzzjoni tal-mandat ta’ qbid numru 2308/99 li nhareg mill-Qorti fuq talba ta’ Paul Caruana.

Mill-atti tal-kawza jirrizulta illi l-imsemmi Caruana kien ottjena l-hrug ta’ diversi mandati kontra l-konvenut u anke kontra socjeta’ proprjeta’ tal-familja tieghu. Il-mandat ta’ qbid in kwistjoni nhareg fis-sena 1999 u sentejn wara ntalbet l-elevazzjoni tal-oggetti maqbuda illi giet awtorizzata fit-23 ta’ Awwissu, 2001. Fil-15 ta’ Ottubru l-Marixxal mar jeleva l-oggetti u kien hawn li skond ic-citazzjoni u r-rikors li taha lok ghaliha li l-konvenut ostakola l-esekuzzjoni ta’ dan id-digriet illi awtorizza l-elevazzjoni.

Fil-fatt fuq talba tas-socjeta’ imsemmija Global and Executive Search Limited din il-Qorti diversament preseduta ordnat li numru kbir ta’ oggetti li nqabdu bil-mandat gew liberati *stante* li kienu proprjeta’ taghha (sentenza 15 ta’ Mejju, 2003). Kien fuq din il-bazi illi l-konvenut, kif hu stess iddikjara fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu illi waqqaf lill-Marixxal milli jeleva l-oggetti.

Johrog car anke mid-deposizjoni tal-Marixxal Nicholas Sammut illi l-konvenut ostakolah milli jeleva l-oggetti minhabba li ma kinux proprjeta’ tieghu. Qal pero’ li l-konvenut kien dejjem edukat fil-komportament tieghu.

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li l-konvenut hu hati ta’ disprezz lejn l-awtorita’ tal-Qorti anke jekk fil-fatt kellu ragun jopponi ghall-esekuzzjoni tal-mandat u ghamel l-

opposizzjoni tieghu b'mod garbat. Meta jinhareg mandat hemm implicita ordni tal-Qorti li ghandha tigi obduta anke jekk il-persuna li kontra taghha nhareg il-mandat ihoss li l-esekutant ma ghandux ragun u li qed jigi ppersegwitat. Il-mod kif mandat jigi mnehhi kemm kollhu jew parzjalment mhux li wiehed iwaqqaf lill-Marixxal jew b'xi mod ifixkel l-esekuzzjoni tieghu izda li jintavola l-procedura apposita quddiem il-Qorti. Dan japplika ukoll ghar-raguni l-ohra li ta l-konvenut u cioe' illi kieku gew elevati l-oggetti msemmija kien jigi perikolat l-impjieg tal-haddiema tas-socjeta' imsemmija.

Il-Qorti pero' ser tiehu in konsiderazzjoni z-zewg fatturi fuq imsemmija meta taghti l-piena taghha.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut ghal multa ta' hamsin Lira Maltin (Lm50).**

**L-ispejjes tal-kawza jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------